I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 753/2009

tas-27 ta' Lulju 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009, fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 302/2009 li jistabbilixxi pjan multiennali għall-irkupru tat-tonn fil-lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3), (4), (5), (7), (8), (9) u (10) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 ([4]) jistabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid.

(2) L-Anness IIa tar-Regolament (KE) Nru 43/2009 jistipula r-regoli għall-ġestjoni tal-isforz tas-sajd fil-kuntest tal-pjan ta' ġestjoni fit-tul tal-istokkijiet tal-Merluzz stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1342/2008 u b'mod partikolari jistabbilixxi, fl-Appendiċi 1 ta' dak l-Anness, l-isforz massimu permess f'jiem kW għal kull Stat Membru li jrid jitqiegħed fiż-żoni konċernati u mal-kategoriji tal-irkaptu konċernati. Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009 li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz stipulat fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 ([5]), huwa meħtieġ l-aġġustament tal-isforz massimu permess kif stipulat fl-Appendiċi 1 tal-Anness IIA tar-Regolament (KE) Nru 43/2009 billi jitnaqqsu 590 583 jiem kW għal Spanja mill-grupp ta' sforz TR1 fiż-żona (d) u 148 118 kW jiem għall-Isvezja mill-grupp ta' sforz TR2 fiż-żona ġeografika (a) u 705 625 kW jiem mill-grupp ta' sforz TR2 fiż-żona ġeografika (b). Fid-dawl tal-applikazzjoni retroattiva tar-Regolament (KE) Nru 754/2009 mill-1 ta' Frar 2009, dawn l-aġġustamenti għandhom japplikaw minn dik l-istess data.

(3) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 302/2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, il-Kunsill għandu jiddetermina u jqassam fost l-Istati Membri l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bil-qasba u dawk bir-rixa awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn fl-Atlantiku; ta' bastimenti li jistadu attivament għat-tonn fl-Adrijatiku għal skopijiet ta' akkwakultura, u tal-bastimenti tas-sajd kostali artiġjanali bil-qasba, tat-tirjix u fuq l-idejn li jistadu attivament għat-tonn frisk fil-Mediterran. Barra minn hekk, il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni tal-kwota Komunitarja għat-tonn fost l-Istati Membri. Il-kwota Komunitarja ta' tonn ta' daqs iżgħar min-normal hija bbażata fuq il-kwota Komunitarja allokata lill-Komunità Ewropea bir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 08/05 li temenda r-Rakkomandazzjoni mill-ICCAT dwar l-istabbiliment ta' pjan ta' rkupru multiannwali għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([2]) ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20.
([3]) ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1.
([4]) ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.
([5]) ĠU: Jekk jogħġbok daħħal ir-referenza ta' pubblikazzjoni tar-Regolament li tinsab fid-dokument tal-Kunsill st 16.

(4) Sabiex jinġabar iktar tagħrif xjentifiku dwar il-krill, speċi ta' importanza fundamentali fl-ekosistema tal-baħar Antartiku, huwa xieraq li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet multipli riċenti tal-Kumitat Xjentifiku għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku, stabbiliti skont il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR) li ġew imtennija fil-laqgħa tal-2008 tal-Kumitat Xjentifiku sabiex jiggarantixxu kopertura ta' osservazzjoni ta' 100 % tas-sajd għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni CCAMLR taħt il-liġi Komunitarja.

(5) Fil-kuntest tal-qbil tas-sajd man-Norveġja, saru disponibbli għall-Komunità 750 tunnellata oħra ta' merluzz fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II tal-ICES.

(6) Il-proposta li saret mir-rappreżentanti mill-Komunità Ewropea, il-Gżejjer Faeroe, Groenlandja, l-Islanda, in-Norveġja u l-Federazzjoni Russa f'laqgħa f'Londra mid-9 sal-11 ta' Frar 2009 dwar il-ġestjoni tar-redfish fil-Baħar Irminger u l-ilmijiet ta' madwaru fiż-Żona tal-Konvenzjoni NEAFC fl-2009 u sussegwentament maqbula mill-Partijiet Kontraenti tal-Kummissjoni tas-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku (NEAFC) għandhom jiġu implimentati fil-liġi Komunitarja. Minħabba li l-Ftehim huwa applikabbli għall-2009 kollha, l-opportunitajiet ta' sajd għandhom japplikaw retroattivament mill-1 ta' Jannar 2009.

(7) Il-konklużjonijiet tal-Kumitat Konġunt UE/Groenlandja li ltaqa' fil-25 ta' Novembru 2008 f'Copenhagen, rigward is-sehem Komunitarju tar-redfish fl-ilmijiet ta' Groenlandja fiż-żoni tal-ICES V u XIV, għandhom jiġu implimentati fil-liġi Komunitarja. Minħabba li l-arranġament konkluż ma' Groenlandja huwa marbut mal-Ftehim tan-NEAFC dwar il-ġestjoni tar-redfish fil-Baħar Irminger u l-ilmijiet ta' madwaru, il-miżuri adottati fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt UE/Groenlandja għandhom japplikaw ukoll retroattivament mill-1 ta' Jannar 2009.

(8) Il-qabda totali permissibbli (TAC) adottata għall-ħalibatt ta' Groenlandja fiż-żona ta' ġestjoni tal-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV; l-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' VI, għall-kavalli fiż-żona ta' ġestjoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe, l-ilmijiet tal-KE ta' Vb u l-ilmijiet internazzjonali ta' IIa, XII u XIV u għas-sawrell fiż-żoni ta' ġestjoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe, l-ilmijiet tal-KE ta' Vb, l-ilmijiet internazzjoniali ta' XII u XIV, għandhom ikopru l-ilmijiet tal-KE u l-ilmijiet internazzjonali ta' Vb sabiex jevitaw ir-rapportaġġ ħażin. Iż-żoni ta' ġestjoni għal dawn it-TACs għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(9) Sabiex jiġi protett il-ħut li għadu qed jikber tal-merluzz (gadus morhua), il-bakkaljaw (melanogrammus aeglefinus), il-merluzz (pollachius virens) u l-ispeċi tal-merlangu (whiting species), għandha tiġi stabbilita sistema ta' għeluq ta' żmien reali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-Skagerrak, f'konformità mar-reġistru maqbul tal-konklużjonijiet tal-konsultazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja, maqbul f'Londra fit-3 ta' Lulju 2009.

(10) Huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar ir-restrizzjonijiet tas-sajd għall-merluzz (gadus morhua), il-bakkaljaw u l-merlangu fiż-żona tal-ICES VI jiġu kkoreġuti sabiex jiġi żgurat li l-ambitu ġeografiku tad-derogi għas-sajd għall-awwista tan-Norveġja u għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir, it-tartaruni demersali u rkaptu simili huwa l-istess.

(11) Il-proposta li saret mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Kummissjoni tas-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku (NEAFC) (id-Danimarka fir-rigward ta' tal-Gżejjer Faeroe u Groenlandja, il-Komunità Ewropea, l-Islanda, in-Norveġja u l-Federazzjoni Russa) f'laqgħa f'Londra mill-24 sas-27 ta' Marzu 2009 dwar il-protezzjoni tal-ekosistemi vulnerabbli tal-baħar għall-impatti ħorox sinifikanti fiż-żona regolatorja tan-NEAFC u sussegwentament maqbula mill-Partijiet Kontraenti tan-NEAFC għandha tiġi implimentata fil-liġi Komunitarja.

(12) Sabiex jiġi żgurat li r-rendikont tal-qbid tal-pizzintun minn bastimenti ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet Komunitarji jkun korrett, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet ta' kontroll imsaħħaħ għal tali bastimenti. Wara li kkunsidra d-distribuzzjoni tal-istokk tal-pizzintun, li jinsab l-aktar fl-ilmijiet tar-Renju Unit, huwa adatt li l-bastimenti ta' pajjiżi terzi jittrasmettu r-rapporti tagħhom liċ-Ċentru għas-Sorveljanza tas-Sajd tar-Renju Unit (Edinburgh).

(13) Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza għas-sajjieda kkonċernati u sabiex huma jitħallew jippjanaw l-attivitajiet tagħhom għal dan l-istaġun tas-sajd malajr kemm jista' jkun, huwa essenzjali li tingħata deroga għall-perijodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fit-Titolu I, l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej.

(14) Ir-Regolament (KE) Nru 43/2009 għandu għalhekk jiġi emendat kif adatt.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 43/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 43/2009 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Il-Kapitolu VIIIa li ġej huwa inserit:

"KAPITOLU VIIIa

TIKKETTAR TAL-ĦUT IFFRIŻAT WARA LI JINQABAD FIŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI NEAFC MILL-BASTIMENTI KOMUNITARJI JEW BASTIMENTI TA' PAJJIŻ TERZ

Artikolu 39a

Tikkettar tal-ħut iffriżat

Meta jiġi ffriżat, il-ħut kollu maqbud fiż-Żona tal-Konvenzjoni NEAFC għandu jiġi identifikat b'tikketta jew timbru li jistgħu jinqraw b'mod ċar. It-tikketta jew it-timbru, li għandhom jitqiegħdu fuq kull kaxxa jew blokka ta' ħut iffriżat, għandhom jindikaw l-ispeċi, id-data tal-produzzjoni, is-subżona u d-diviżjoni tal-ICES fejn saret il-qabda u l-isem tal-bastiment li qabad il-ħut.".

(2) Fl-Artikolu 48, il-paragrafu 1a li ġej huwa inserit:

"1a. Kull bastiment li jipparteċipa fis-sajd għall-krill imsemmi fl-Artikolu 49 għandu jkollu tal-inqas osservatur xjentifiku wieħed maħtur skont l-Iskema Internazzjonali tal-Osservazzjoni Xjentifika tal-CCAMLR jew jissodisfa ir-rekwiżiti taħt dik l-iskema, abbord matul l-attivitajiet kollha tas-sajd matul il-perijodu tas-sajd."

(3) Fl-Artikolu 50, il-paragrafu 4 huwa imħassar.

(4) L-Artikoli li ġejjin huma inseriti:

"*Artikolu 91a*

Għadd massimu ta' bastimenti li jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku

L-għadd massimu ta' bastimenti Komunitarji tas-sajd bil-qasba u tas-sajd bir-rixa awtorizzati biex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg jew 75 cm u 30 kg jew 115 cm fil-Lvant tal-Atlantiku, u l-allokazzjoni ta' dak l-għadd massimu fost l-Istati Membri għandu jiġi ffissat kif ġej:

Spanja	63
Franza	44
KE	107

Artikolu 91b

Limiti tal-qbid għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku

1. Fi ħdan il-limiti tal-qbid stabbiliti fl-Anness ID, il-limitu tal-qbid għat-tonn ta' bejn it-8 kg jew 75 ċm u t-30 kg jew 115 ċm applikabbli għall-bastimenti Komunitarji awtorizzati msemmija fl-Artikolu 91a, u l-allokazzjoni ta' dak il-limitu tal-qbid fost l-Istati Membri, għandu jiġi ffissat kif ġej (f'tunnellati):

Spanja	599,3
Franza	269,3
KE (*)	868,6

2. Fi ħdan il-limiti tal-qbid stipulati fil-paragrafu 1, il-limitu tal-qbid tat-tonn li jiżen mhux inqas minn 6,4 kg jew li hu twil mhux inqas minn 70 cm applikabbli għall-bastimenti tas-sajd bil-qażba mhux itwal minn 17-il metru fost il-bastimenti Komunitarji msemmija fl-Artikolu 91a, u l-allokazzjoni ta' dak il-limitu tal-qbid fost l-Istati Membri, għandu jiġi ffissat kif ġej (f'tunnellati):

Franza	45 (**)
KE	45

Artikolu 91c

Għadd massimu ta' bastimenti li jistadu għat-tonn fil-Mediterran applikabbli għas-sajd artiġjanali kostali tal-Komunità

L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji artiġjanali kostali awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg jew 75 cm u 30 kg jew 115 cm fil-Mediterran, u l-allokazzjoni ta' dak l-għadd massimu fost l-Istati Membri għandu jiġi ffissat kif ġej:

Spanja	139
Franza	86
l-Italja	35
Ċipru	25
Malta	89
KE	374

Artikolu 91d

Limiti tal-qbid għat-tonn fil-Mediterran applikabbli għas-sajd Komunitarju kostali artiġjanali

Fi ħdan il-limiti tal-qbid stipulati fl-Anness ID, il-limitu tal-qbid għat-tonn ta' bejn 8 kg u 30 kg allokat għas-sajd Komunitarju kostali artiġjanali tal-ħut frisk bil-bastimenti tas-sajd bil-qasba, bir-rixa u fuq l-idejn fil-Mediterran msemmija fl-Artikolu 91c, u l-allokazzjoni ta' dak il-limitu tal-qbid fost l-Istati Membri, għandu jiġi ffissat kif ġej (f'tunnellati):

Spanja	82,3
Franza	71,8
l-Italja	63,5
Ċipru	2,3
Malta	5,3
KE (*)	225,2

Artikolu 91e

Għadd massimu ta' bastimenti li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għal skopijiet ta' akkwakultura

L-għadd massimu ta' bastimenti Komunitarji li jistadu attivament għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għal skopijiet ta' akkwakultura awtorizzati sabiex jistadu għal tonn ta' bejn 8 kg jew 75 cm u 30 kg jew 115 cm, u l-allokazzjoni ta' dak l-għadd massimu fost l-Istati Membri għandu jiġi ffissat kif ġej:

l-Italja	68
KE	68

Artikolu 91f

Limiti tal-qbid għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għal skopijiet ta' akkwakultura.

Fi ħdan il-limiti tal-qbid stabbiliti fl-Anness ID, il-limitu tal-qbid għat-tonn ta' bejn 8 kg u 30 kg allokati lill-bastimenti Komunitarji li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għal skopijiet ta' akkwakultura msemmija fl-Artikolu 91e, u l-allokazzjoni ta' dak il-limitu tal-qbid fost l-Istati Membri, għandu jiġi ffissat kif ġej (f'tunnellati):

l-Italja	63,5
KE	63,5

(*) Il-limiti tal-kwota Komunitarja huma bbażati fuq il-kwota Komunitarja allokata lill-Komunità Ewropea bir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 08/05 li temenda r-Rakkomandazzjoni mill-ICCAT dwar l-istabbiliment ta' pjan ta' rkupru multiannwali għat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

(**) Din il-kwantità tista' tiġi riveduta mill-Kummissjoni fuq talba minn Franza, sa ammont ta' 100 tunnellata kif indikat mir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 08-05."

(5) L-Anness IA huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt dwar l-ispeċi ħalibatt ta' Groenlandja fl-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV; l-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' VI jinbidel b'dan li ġej:

'Speċi: Ħalibatt ta' Groenlandja *Reinhardtius hippoglossoides*		**Żona:** Ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV; l-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' Vb u VI (GHL/2 A-C46)
id-Danimarka	4	
il-Ġermanja	7	
l-Estonja	4	
Spanja	4	
Franza	69	
l-Irlanda	4	
il-Litwanja	4	TAC Analitiku L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.
il-Polonja	4	
ir-Renju Unit	270	
KE	720 ([1])	
TAC	Mhux rilevanti	

([1]) Li minnhom 350 tunnellata huma allokati għan-Norveġja u għandhom jinqabdu fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIa u VI tal-ICES. Fiż-żona VI tal-ICES din il-kwantità tista' tinqabad biss bil-konzijiet.'

(b) Il-punt dwar l-ispeċi tal-Kavalli fiż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe tal-ICES; l-ilmijiet tal-KE ta' Vb; l-ilmijiet internazzjonali ta' IIa, XII u XIV huwa sostitwit b'dan li ġej:

'Speċi: Kavalli *Scomber scombrus*		**Żona:** VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' Vb; l-ilmijiet internazzjonali ta' IIa, XII u XIV (MAC/2CX14-)
il-Ġermanja	19 821	
Spanja	20	
l-Estonja	165	
Franza	13 216	
l-Irlanda	66 070	
il-Latvja	122	
il-Litwanja	122	
l-Olanda	28 905	
il-Polonja	1 396	
ir-Renju Unit	181 694	TAC Analitiku L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.
KE	311 531	
in-Norveġja	12 300 (1)	
il-Gżejjer Faeroe	4 798 (2)	
TAC	511 287 (3)	

(1) Jistgħu jinqabdu biss fiż-żoni IIa, VIa (fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N), IVa, VIId, VIIe, VIIf u VIIh tal-ICES.
(2) Jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IVa fit-Tramuntana ta' 59° N tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Frar u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru. Kwantità ta' 3 982 tunnellata mill-kwota tal-Gżejjer Faeroe tista' tinqabad fiż-żona VIa fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N tal-ICES matul is-sena kollha.
(3) TAC miftiehem għaż-żona tat-Tramuntana mill-KE, min-Norveġja u mill-Gżejjer Faeroe.

Kundizzjonijiet speċjali

Fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni speċifikati u biss matul il-perjodi tal-1 ta' Jannar sal-15 ta' Frar u l-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru.

	L-ilmijiet tal-KE ta' IVa (MAC/*04 A-C)
il-Ġermanja	5 981
Franza	3 988
l-Irlanda	19 938
l-Olanda	8 723
ir-Renju Unit	54 829
KE	93 459'

(ċ) Il-punt dwar l-ispeċi tas-Sawrell fiż-żoni VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe tal-ICES; l-ilmijiet tal-KE ta' Vb; l-ilmijiet internazzjonali ta' XII u XIV jinbidlu b'dan li ġej:

'Speċi: Sawrell *Trachurus spp.*		**Żona:** VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' Vb; l-ilmijiet internazzjonali ta' XII u XIV (JAX/578/14)
id-Danimarka	15 056	
il-Ġermanja	12 035	
Spanja	16 435	
Franza	7 952	
l-Irlanda	39 179	
l-Olanda	57 415	
il-Portugall	1 591	TAC Analitiku L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.
ir-Renju Unit	16 276	
KE	165 939	
il-Gżejjer Faeroe	4 061 [1]	
TAC	170 000	

[1] Jistgħu jinqabdu biss fiż-żoni IV, VIa fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N, VIIe, VIIf u VIIh tal-ICES.'

(6) L-Anness IB huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt dwar l-ispeċi Merluzz fl-ilmijiet Norveġiżi ta' I u II tinbidel b'li ġej:

"Speċi: Merluzz *Gadus morhua*		**Żona:** L-ilmijiet Norveġiżi ta' I u II (COD/1N2AB.)
il-Ġermanja	2 425	
il-Greċja	301	
Spanja	2 706	
l-Irlanda	301	
Franza	2 226	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.
il-Portugall	2 706	
ir-Renju Unit	9 410	
KE	20 074	
TAC	525 000"	

(b) Il-punt dwar l-ispeċi Redfish fl-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali taż-żona V tal-ICES u l-ilmijiet tal-KE taż-żoni XII u XIV tal-ICES jinbidel b'dan li ġej:

'Speċi: Redfish *Sebastes spp.*		**Żona:** L-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' V; l-ilmijiet internazzjonali ta' XII u XIV (RED/51214.)
l-Estonja	210	
il-Ġermanja	4 266	
Spanja	749	
Franza	398	
l-Irlanda	1	
il-Latvja	76	
l-Olanda	2	
il-Polonja	384	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.
il-Portugall	896	
ir-Renju Unit	10	
KE	6 992 [1]	
TAC	46	

[1] Ma jistgħux jinqabdu iżjed minn 70 % tal-kwota fiż-żona fi ħdan il-koordinati li ġejjin u ma tistax tinqabad iżjed minn 15 % tal-kwota f'dik iż-żona matul il-perijodu mill-1 ta' April sal-10 ta' Mejju. (RED/*5X14.)

Nru tal-Punt	Latitudni N	Lonġitudni W
1	64° 45	28° 30
2	62° 50	25° 45
3	61° 55	26° 45
4	61° 00	26° 30
5	59° 00	30° 00
6	59° 00	34° 00
7	61° 30	34° 00
8	62° 50	36° 00
9	64° 45	28° 30'

(ċ) Il-punt dwar l-ispeċi Redfish fl-ilmijiet ta' Groenlandja taż-żoni V u XIV tal-ICES jinbidel b'dan li ġej:

'Speċi: Redfish *Sebastes spp.*		**Żona:** L-ilmijiet ta' Groenlandja ta' V u XIV (RED/514GRN)
il-Ġermanja	4 742 (1)	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.
Franza	24 (1)	
ir-Renju Unit	33 (1)	
KE	8 000 (1) (2) (3)	
TAC	Mhux rilevanti	

(1) Is-sajd jista' jsir biss bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiċi. Jista' jinqabad fil-Lvant jew fil-Punent. Il-kwota tista' tittieħed miż-Żona Regolatorja NEAFC bil-kundizzjoni li r-rekwiżiti ta' rappurtar ta' Groenlandja jiġu sodisfatti (RED/*51214).

(2) 3 000 tunnellata li jinqabdu bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiċi huma allokati lin-Norveġja u 200 tunnellata huma allokati lill-Gżejjer Faeroe.

(3) Ma jistgħux jinqabdu iżjed minn 70 % tal-kwota fiż-żona fi ħdan il-koordinati li ġejjin u ma tistax tinqabad iżjed minn 15 % tal-kwota f'dik iż-żona matul il-perijodu mill-1 ta' April sal-10 ta' Mejju. (RED/*5-14.)

Nru tal-Punt	Latitudni N	Lonġitudni W
1	64° 45	28° 30
2	62° 50	25° 45
3	61° 55	26° 45
4	61° 00	26° 30
5	59° 00	30° 00
6	59° 00	34° 00
7	61° 30	34° 00
8	62° 50	36° 00
9	64° 45	28° 30'

(7) L-Appendiċi 1 għall-Anness IIA huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-tabella (a), il-kolonna li tikkonċerna l-Isvezja tinbidel b'din li ġejja:

"SE
16 609
739 281
55 853
0
0
13 155
22 130
25 339"

(b) Fit-tabella (b), il-kolonna li tikkonċerna l-Isvezja tinbidel b'din li ġejja:

"SE
286 779
830 400
263 772
0
0
80 781
53 078
110 468"

(ċ) Fit-tabella (d), il-kolonna li tikkonċerna lil Spanja tinbidel b'din li ġejja:

"ES
0
0
0
0
0
13 836
0
1 402 142"

(8) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punti 5c, 5c.1, 5c.2 u 5c.3 il-kliem "il-Baħar tat-Tramuntana, is-Skagerrak u l-Kanal tal-Lvant" huma sostitwiti bil-"Kanal tal-Lvant".

(b) jiddaħħal il-punt 5e li ġej:

"5e. **Għeluq fi żmien reali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-Skagerrak**

5e.1. Għall-iskopijiet ta' dan il-punt:

(a) dawn li ġejjin għandhom ikunu kkunsidrati bħal ħut li qed jikber:

— kampjuni ta' merluzz (gadus morhua) iżgħar minn 35 cm;

— kampjuni ta' bakkaljaw (melanogremmus aeglefinus) iżgħar minn 30 cm;

— kampjuni ta' merluzz (pollachius virens) iżgħar minn 35 cm;

— kampjuni ta' merlangu (merlangius merlangus) iżgħar minn 27 cm;

(b) il-livell ta' attivitazzjoni għandu jkun ta' 15 % skont il-piż tal-ħut li għadu qed jikber b'rispett għat-total tal-erba' speċijiet imsemmijin fil-paragrafu a). Madankollu, jekk il-kwantità tal-merluzz (gadus morhua) fil-kampjun taqbeż il-75 % b'rispett għat-total tal-erba' speċijiet, il-livell ta' attivitazzjoni għandu jkun ta' 10 %.

5e.2. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw żoni fejn hemm riskju li jinqabad ħut li jkun għadu qed jikber b'mod li jeċċedi l-livelli ta' attivazzjoni.

5e.3. Fiż-żoni identifikati f'konformità mal-punt 5e.2, l-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet biex jitkejjel jekk il-persentaġġ ta' ħut li jkun għadu qed jikber jeċċedix il-livell ta' attivazzjoni, inkluż permezz ta' Pjanijiet ta' Skjerament Konġunti. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom:

(a) jieħdu kampjuni ta' merluzz (gadus morhua), bakkaljaw (melanogremmus aeglefinus), merluzz (pollachius virens) u merlangu (merlangius merlangus) mill-qabda u jkejluhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet fl-Appendiċi 7 għal dan l-Anness.

(b) jiddokumentaw kull teħid ta' kampjun billi jikkompletaw rapport dwar il-kampjun kif imniżżel fl-Appendiċi 8 għal dan l-Anness u jibagħtu lill-Istat Kostali.

L-Istati Membri jistgħu jistiednu 'l pajjiżi oħra li jkunu qed iwettqu spezzjoni fiż-żona kkonċernata biex jieħdu kampjuni f'isimhom.

5e.4. L-Istat Membru Kostali kkonċernat għandu jippubbliċizza fis-sit elettroniku tiegħu mingħajr dewmien il-pożizzjoni li fiha l-kampjun imsemmi fil-punt 5e.3(a) ittieħed, il-ħin li fih ittieħed u l-kwantità ta' ħut li jkun għadu qed jikber bħala persentaġġ tal-qabda totali ta' merluzz (gadus morhua), bakkaljaw (melanogremmus aeglefinus), merluzz (pollachius virens) u merlangu (merlangius merlangus) f'piż. Il-persentaġġ għandu jiġi ppubbliċizzat kemm bl-ispeċi kif ukoll bħala total tal-erba' speċijiet.

5e.5. Meta kampjun imsemmi fil-punt 5e.3(a) juri persentaġġ ta' ħut li jkun għadu qed jikber li jeċċedi l-livell ta' attivazzjoni, l-Istat Membru Kostali kkonċernat għandu jipprojbixxi s-sajd f'dik iż-żona bi kwalunkwe rkaptu tas-sajd għajr xbieki tat-tkarkir tal-ħut pelaġiku, tartaruni borża, xbieki tal-mitlaq u qlugħ żgħir tal-poppa immirati għall-aringi, l-pizzintun, s-sawrell, n-nases u ħammiela għall-imrewħa u xbieki tal-garġi.

Iż-żona magħluqa għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin:

— iż-żona għandu jkollha 4, 5 jew 6 punti li jgħaqqdu biex tinħoloq żona magħluqa;

— il-punt tan-nofs tal-operazzjoni jew operazzjonijiet tas-sajd b'kampjuni 'l fuq mil-livell ta' attivazzjoni għandu jkunu daqs il-punt tan-nofs taż-żona magħluqa;

— meta ż-żona magħluqa tkun ibbażata fuq kampjun wieħed u tkun 'il barra mill-ilmijiet sa 12-il mil mil-linji ta' bażi skont il-ġurisdizzjoni u s-sovranità tal-Istat Membru kkonċernat, hija għandha tkun ta' 50 mil kwadru, u

— għandu jkun hemm massimu ta' 3 mezzi ta' għeluq simultanji fis- Skagerrak.

5e.6. Il-projbizzjoni msemmija fil-punt 5e.5 għandha:

— tidħol fis-seħħ 12-il siegħa wara d-deċiżjoni mill-Istat Membru kkonċernat, u

— tapplika għal 21 jum li warajh hija għandha awtomatikament tieqaf tapplika f'nofsillejl UTC.

5e.7. B' deroga mill-punt 5e.5, meta l-persentaġġ ikun kemmxejn 'il fuq mil-livell ta' attivazzjoni jew mill-qabda mistennija minħabba d-daqs totali tagħha, il-kompożizzjoni tal-qabda jew id-distribuzzjoni tal-qies ma tistax tiġi meqjusa bħala rappreżentattiva, l-Istat Membru Kostali jista', fi żmien 48 siegħa mill-mument li ttieħed l-ewwel kampjun, ifittex aktar informazzjoni inklużi spezzjonijiet ta' qabdiet addizzjonali, qabel ma tittieħed deċiżjoni f'konformità mal-punt 5e.5.

5e.8. Jekk iż-żona li għandha tingħalaq tinkludi żoni taħt il-ġurisdizzjoni jew is-sovranità ta' Stati Membri differenti jew pajjiżi terzi, l-Istat Membru li jkun stabbilixxa li nqabeż il-livell ta' attivazzjoni, għandu jinforma mingħajr dewmien l-Istati Membri ġirien ikkonċernati u pajjiżi terzi bis-sejbiet u l-projbizzjoni deċiża f'konformità mal-punt 5e.5. L-Istat Membru ġar għandha jagħlaq il-parti taż-żona tiegħu mingħajr dewmien.

5e.9. L-Istat Membru Kostali għandu, mingħajr dewmien:

(a) jagħmel disponibbli fuq is-sit elettroniku tiegħu id-dettalji tal-projbizzjoni f'konformità mal-punt 5e.5;

(b) jinforma l-bastiment li jkunu fil-viċinanza taż-żona safejn ikun possibbli, u

(ċ) jinforma lill-Kummissjoni u liċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd (FMC), kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003 tat-18 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-sistemi ta' sorveljanza tal-vapuri bażata fuq satellita (*), tal-Istati Membri l-oħra u pajjiżi terzi b'bastimenti li jkunu qed jistadu f'dik iż-żona permezz tal-posta elettronika dwar il-projbizzjoni stabbilita f'konformità mal-punt 5e.5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-FMCs tagħhom jinformaw lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li huma affettwati mill-projbizzjoni.

5e.10. Fuq talba, l-Istat Membru Kostali kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bir-rapporti dettaljati dwar il-kampjuni u l-ġustifikazzjonijiet li fuqhom ibbażata d-deċiżjoni meħuda f'konformità mal-punt 5e.5. Meta l-Kummissjoni tqis li din id-deċiżjoni mhijiet ġustifikata b'mod suffiċjenti, hija tista' titlob lill-Istat Membru biex iħassar jew jemenda d-deċiżjoni b'effett immedjat.

(*) ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17."

(ċ) il-paragrafu li ġej imdaħħal fl-aħħar tal-punt 6.6:

"Din id-deroga ma għandhiex tapplika fiż-żona magħluqa bit-tgħaqqid sekwenzjali b'linji rombu tal-pożizzjonijiet segwenti, li għandhom jitkejlu skont is-sistema tal-koordinati WGS84:

59° 05′ N, 06° 45′ W

59° 30′ N, 06° 00′ W

59° 40′ N, 05° 00′ W

60° 00′ N, 04° 00′ W

59° 30′ N, 04° 00′ W

59° 05′ N, 06° 45′ W.";

(d) jiddaħħal il-punt 9a li ġej:

"9a. **Miżuri speċjali għas-sajd tar-redfish fil-Baħar Irminger u l-ilmijiet ta' madwaru**

9a.1 Il-miżuri stipulati f'dan il-punt 9a għandhom japplikaw għas-sajd tar-redfish (*Sebastes* spp.) fl-ilmijiet internazzjonali taż-żona V tal-ICES u l-ilmijet tal-KE taż-żoni XII u XIV tal-ICES ġewwa l-koordinati li ġejjin (minn issa 'l quddiem magħrufa bħala 'iż-żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish'):

Nru tal-Punt	Latitudni N	Lonġitudni W
1	64° 45	28° 30
2	62° 50	25° 45
3	61° 55	26° 45
4	61° 00	26° 30
5	59° 00	30° 00
6	59° 00	34° 00
7	61° 30	34° 00
8	62° 50	36° 00
9	64° 45	28° 30

9a.2 Minbarra d-dejta meħtieġa skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 2791/1999, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom jirreġistraw fil-ġurnali ta' abbord tas-sajd tagħhom kull dħul u ħruġ miż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish u l-qabdiet kumulattivi li jinżammu abbord. Ir-reġistru għandu jidentifika ż-żona bil-kodiċi speċifiku 'RCA'.

9a.3 Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd li jistadu fiż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish, għandhom jittrażmettu r-rapport tal-qabda li hemm provvediment għalih fl-Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2791/1999, kull jum wara li jitlestew l-operazzjonijiet tas-sajd ta' dik il-ġurnata tal-kalendarju. Għandu jindika l-qbid abbord li sar mill-aħħar komunikazzjoni tal-qbid.

9a.4 Minbarra t-tagħrif meħtieġ skont l-Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2791/1999, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom jikkomunikaw il-qabda abbord li saret mill-aħħar komunikazzjoni tal-qbid qabel id-dħul u l-ħruġ miż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish.

9a.5 Ir-rapporti msemmija fil-punti 9a.3 u 9a.4 għandhom isiru skont l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1085/2000. Ir-rapporti tal-qbid li saru fiż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish għandhom jindikaw il-kodiċi 'RCA' bħala ż-żona rilevanti.

9a.6 Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 39a ta' dan ir-Regolament, it-tikketta jew timbru li jidentifika r-redfish li nqabad fiż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish għandu jkollu l-kodiċi speċifiku 'RCA'.

9a.7 Ix-xerrejja jew id-detenturi tal-ħut għandhom jiżguraw li kwalunkwe kwantita ta' redfish li nqabdet fiż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish u tinħatt l-art għall-ewwel darba f'port Komunitarju jew li tiġi ttrażbordata tintiżen meta tinħatt l-art jew tkun trażbordata.

9a.8 Għandu jkun projbit l-użu ta' xbieki tat-tkarkir b'malji ta' inqas minn 100 mm.

9a.9 Il-fattur ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat għall-preżentazzjoni tal-ħuta mnaddfa u bla ras, inkluż il-qatgħa Ġappuniża, tar-redfish maqbud fiż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish għandu jkun 1.70."

(e) Il-punt 15.1, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"15.1. Għandu jkun ipprojbit it-tkarkir u s-sajd b'irkaptu statiku, inklużi għeżula u konzijiet immażrati fil-qiegħ, fiż-żoni ddelinjati mit-tgħaqqid f'sekwenza tal-linji rombu tal-pożizzjonijiet sussegwenti, li għandhom jitkejlu skont is-sistema tal-koordinati WGS84:

Parti mir-Reykjanes Ridge:

— 55° 04,5327′ N, 36° 49,0135′ W,

— 55° 05,4804′ N, 35° 58,9784′ W,

— 54° 58,9914′ N, 34° 41,3634′ W,

— 54° 41,1841′ N, 34° 00,0514′ W,

— 54° 00,0′ N, 34° 00,0′ W,

— 53° 54,6406′ N, 34° 49,9842′ W,

— 53° 58,9668′ N, 36° 39,1260′ W,

— 55° 04,5327′ N, 36° 49,0135′ W,

Iż-żona MAR tat-Tramuntana:

— 59° 45′ N, 33° 30′ W,

— 57° 30′ N, 27° 30′ W,

— 56° 45′ N, 28° 30′ W,

— 59° 15′ N, 34° 30′ W,

— 59° 45′ N, 33° 30′ W,

Iż-żona MAR tan-nofs (iż-żona Charlie-Gibbs Fracture u s-Subpolar Frontal Region):

— 53° 30′ N, 38° 00′ W,

— 53° 30′ N, 36° 49′ W,

— 55° 04,5327′ N, 36° 49′ W,

— 54° 58,9914′ N, 34° 41,3634′ W,

— 54° 41,1841′ N, 34° 00′ W,

— 53° 30′ N, 34° 00′ W,

— 53° 30′ N, 30° 00′ W,

— 51° 30′N, 28° 00′W,

— 49° 00′ N, 26° 30′ W,

— 49° 00′ N, 30° 30′ W,

— 51° 30′ N, 32° 00′ W,

— 51° 30′N, 38° 00′ W,

— 53° 30′ N, 38° 00′ W,

Iż-żona MAR ta' Nofs-in-Nhar

— 44° 30′ N, 30° 30′ W,

— 44° 30′N, 27° 00′ W,

— 43° 15′ N, 27° 15′ W,

— 43° 15′ N, 31° 00′ W,

— 44° 30′ N, 30° 30′ W,

L-Altair Seamounts:

— 45° 00′ N, 34° 35′ W,

— 45° 00′ N, 33° 45′ W,

— 44° 25′ N, 33° 45′ W,

— 44° 25′ N, 34° 35′ W,

— 45° 00′ N, 34° 35′ W,

L-Antialtair Seamounts:

— 43° 45′ N, 22° 50′ W,

— 43° 45′ N, 22° 05′ W,

— 43° 25′ N, 22° 05′ W,

— 43° 25′ N, 22° 50′ W,

— 43° 45′ N, 22° 50′ W,

Hatton Bank:

— 59° 26′ N, 14° 30′ W,

— 59° 12′ N, 15° 08′ W,

— 59° 01′ N, 17° 00′ W,

— 58° 50′ N, 17° 38′ W,

— 58° 30′ N, 17° 52′ W,

— 58° 30′ N, 18° 22′ W,

— 58° 03′ N, 18° 22′ W,

— 58° 03′ N, 17° 30′ W,

— 57° 55′ N, 17° 30′ W,

— 57° 45′ N, 19° 15′ W,

— 58° 30′ N, 18° 45′ W,

— 58° 47′ N, 18° 37′ W,

— 59° 05′ N, 17° 32′ W,

— 59° 16′ N, 17° 20′ W,

— 59° 22′ N, 16° 50′ W,

— 59° 21′ N, 15° 40′ W,

North West Rockall:

— 57° 00′ N, 14° 53′ W,

— 57° 37′ N, 14° 42′ W,

— 57° 55′ N, 14° 24′ W,

— 58° 15′ N, 13° 50′ W,

— 57° 57′ N, 13° 09′ W,

— 57° 50′ N, 13° 14′ W,

— 57° 57′ N, 13° 45′ W,

— 57° 49′ N, 14° 06′ W,

— 57° 29′ N, 14° 19′ W,

— 57° 22′ N, 14° 19′ W,

— 57° 00′ N, 14° 34′ W,

— 56° 56′ N, 14° 36′ W,

— 56° 56′ N, 14° 51′ W,

— 57° 00′ N, 14° 53′ W,

South-West Rockall (Empress of Britain Bank):

— 56° 24′ N, 15° 37′ W,

— 56° 21′ N, 14° 58′ W,

— 56° 04′ N, 15° 10′ W,

— 55° 51′ N, 15° 37′ W,

— 56° 10′ N, 15° 52′ W,

— 56° 24′ N, 15° 37′ W,

Logachev Mound:

— 55° 17′ N 16° 10′ W,

— 55° 33′ N 16° 16′ W,

— 55° 50′ N 15° 15′ W,

— 55° 58′ N 15° 05′ W,

— 55° 54′ N 14° 55′ W,

— 55° 45′ N 15° 12′ W,

— 55° 34′ N 15° 07′ W,

— 55° 17′ N 16° 10′ W,

West Rockall Mound:

— 57° 20′ N, 16° 30′ W,

— 57° 05′ N, 15° 58′ W,

— 56° 21′ N, 17° 17′ W,

— 56° 40′ N, 17° 50′ W,

— 57° 20′ N, 16° 30′ W.";

(f) Jiddaħħal il-punt 19a li ġej:

"19a. **Kondizzjonijiet għal bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu għall-pizzintun fl-ilmijiet tal-KE**

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi li għandhom l-intenzjoni li jistadu għall-pizzintun fl-ilmijiet tal-KE:

(a) Il-bastimenti jistgħu jibdew il-vjaġġ tas-sajd tagħhom biss wara li jkunu rċevew awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kostali kkonċernat. Tali bastimenti għandhom jidħlu fl-ilmijiet Komunitarji biss wara li jkunu għaddew minn waħda minn dawn iż-żoni ta' kontroll li ġejjin:

— ir-rettangolu tal-ICES 48 E2 fiż-Żona VIa;

— ir-rettangolu tal-ICES 50 F1 fiż-Żona VIa;

— ir-rettangolu tal-ICES 46 F1 fiż-Żona IVa.

Mill-inqas erba' sigħat qabel ma jidħol f'waħda miż-żoni ta' kontroll, mad-dħul fl-ilmijiet tal-KE, il-kaptan tal-bastiment għandu jikkuntattja liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd tar-Renju Unit (Edinburgh) permezz tal-posta elettronika fl-indirizz li ġej: ukfcc@scotland.gsi.gov.uk jew bit-telefown (+ 44 131 271 9700).

In-notifika għandha tispeċifika l-isem, il-kodiċi internazzjonali tar-radju u l-ismijiet u n-numru tal-port (PLN) tal-bastiment, il-kwantità totali skont l-ispeċi abbord u ż-żona ta' kontroll li minnha l-bastiment ikun ser jidħol fl-ilmijiet tal-KE. Il-bastiment ma għandux jibda s-sajd sakemm ma jkunx irċieva rikonoxximent tan-notifika kif ukoll struzzjonijiet dwar jekk il-kaptan hux meħtieġ jippreżenta l-bastiment għall-ispezzjoni jew le. Kull rikonoxximent għandu jkollu numru uniku ta' awtorizzazzjoni li l-kaptan għandu jżomm sakemm jintemm il-vjaġġ tas-sajd.

(b) Bastimenti li jidħlu f'ilmijiet tal-KE bl-ebda qabda abbord għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fil-punt a).

(ċ) Il-vjaġġ tas-sajd għandu jitqies bħala mitmum meta l-bastiment iħalli l-ilmijiet tal-KE jew jidħol f'port Komunitarju fejn il-qabda tiegħu tinħatt kollha kemm hi.

Il-bastimenti għandhom joħorġu mill-ilmijiet Komunitarji biss wara li jkunu għaddew minn waħda minn dawn iż-żoni ta' kontroll.

Mal-ħruġ mill-ilmijiet tal-KE, il-kaptan tal-bastiment għandu jagħti mill-inqas sagħtejn notifika minn qabel tad-dħul f'waħda miż-żoni ta' kontroll, liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd tar-Renju Unit (Edinburgh) permezz tal-posta elettronika jew tat-telefon kif previst fil-paragrafu a).

In-notifika għandha tispeċifika l-isem, il-kodiċi internazzjonali tar-radju u l-ismijiet u n-numru tal-port (PLN) tal-bastiment, il-kwantità totali skont l-ispeċi abbord u ż-żona ta' kontroll li minnha l-bastiment ikollu l-intenzjoni li jgħaddi. Il-bastiment ma għandux jitlaq miz-zona ta' kontroll sakemm ikun irċieva rikonoxximent tan-notifika kif ukoll struzzjonijiet dwar jekk il-kaptan hux meħtieġ jippreżenta l-bastiment għall-ispezzjoni jew le. Kull rikonoxximent għandu jkollu numru uniku tal-awtorizzazzjoni li l-kaptan għandu jżomm sakemm il-bastiment jitlaq l-ilmijiet tal-KE."

(d) L-Appendiċi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Anness III:

"*Appendix 7 to Annex III*

Metodoloġija tat-Teħid ta' Kampjuni

Il-kampjuni għandhom jittieħdu u jiġu mkejla f'konformità mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

— Il-kampjuni għandhom jittieħdu u jiġu mkejla f'kooperazzjoni mill-qrib mal-kaptan ta' bastiment tas-sajd u l-ekwipaġġ tiegħu. Huma għandhom jiġu inkoraġġuti biex jipparteċipaw fil-proċess. Huma għandhom ukoll jiġu inkoraġġuti biex jikkondividu kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun rilevanti fir-rigward tad-delimitazzjoni ta' żona magħluqa.

— Il-qabda totali għandha tiġi stmata.

— Għandu jittieħed kampjun meta jiġi stmat li f'qabda waħda hemm tal-inqas 300 kg ta' merluzz (gadus morhua), bakkaljaw (melanogremmus aeglefinus), merluzz (pollachius virens) u merlangu (merlangius merlangus).

— Id-daqs minimu tal-kampjun għandu jkun ta' 200 kg ta' merluzz (gadus morhua), bakkaljaw (melanogremmus aeglefinus), merluzz (pollachius virens) u merlangu (merlangius merlangus).

— Il-kampjun għandu jittieħed b'tali mod li jkun jirrifletti l-kompożizzjoni tal-qabda fir-rigward tal-erba' speċijiet.

— Meta adatt, minħabba d-daqs tal-qabda, il-kampjun għandu jittieħed fl-bidu, fin-nofs u fl-aħħar tal-qabda.

— Il-kwantità ta' ħut li jkun għadu qed jikber għandu jiġi kkalkulat bħala persentaġġ skont l-ispeċi u bħala total tal-erba' speċijiet.

— Ir-rapport dwar il-kampjun għandu jitlesta debitament immedjatament wara li l-kampjun ikun tkejjel. Ir-rappport imbagħad għandu jintbagħat lill-Istat Kostali."

"Appendiċi 8 għall-Anness III

<table>
<tr><td colspan="8">GĦELUQ FI ŻMIEN REALI – RAPPORT DWAR IL-KAMPJUN GĦALL-ISTAT KOSTALI
ĦUT LI JKUN GĦADU QED JIKBER TAL-MERLUZZ (GADUS MORHUA), BAKKALJAW (MELANOGREMMUS AEGLEFINUS), MERLUZZ (POLLACHIUS VIRENS) U MERLANGU (MERLANGIUS MERLANGUS)</td></tr>
<tr><td rowspan="2">Spezzjoni/dettalji tal-osservazzjoni</td><td>Pjattaforma ta' spezzjoni</td><td>Isem l-ispettur/ l-osservatur</td><td>Isem l-ispettur/ l-osservatur</td><td>Data u ħin (1) tal-ispezzjoni/ osservazzjoni</td><td colspan="3">Pożizzjoni (2) tal-ispezzjoni/osservazzjoni</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td rowspan="2">Dettalji dwar il-bastiment tas-sajd</td><td>Isem</td><td>Sinjal tas-sejħa</td><td>Numru ta' reġistrazzjoni</td><td>Stat tal-bandiera</td><td>Tip ta' rkaptu</td><td colspan="2">Daqs tal-malji mm</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td rowspan="2">Dettalji dwar il-bastiment tas-Sajd Tkarkir konvenzjonali</td><td>Isem</td><td>Sinjal tas-sejħa</td><td>Numru ta' reġistrazzjoni</td><td>Stat tal-bandiera</td><td>Tip ta' rkaptu</td><td colspan="2">Daqs tal-malji mm</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td rowspan="4">Dettalji dwar l-operazzjoni tas-sajd</td><td rowspan="2">Bidu</td><td>Data u ħin (3)</td><td>Pożizzjoni (2)</td><td rowspan="2">Tul ta' żmien tal-operazzjoni tas-sajd (3)</td><td colspan="3" rowspan="2">Il-punt tan-nofs tal-operazzjoni tas-sajd (3)</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">Tmiem</td><td>Data u ħin (3)</td><td>Pożizzjoni (2)</td><td rowspan="2"></td><td colspan="3" rowspan="2"></td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td rowspan="8">Dettalji dwar il-qabda f'piż</td><td colspan="4">L-istima tal-qabda totali (kilo)</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td colspan="4">Daqs tal-kampjun (kilo ta' merluzz (gadus morhua), bakkaljaw (melanogremmus aeglefinus), merluzz (pollachius virens) u merlangu (merlangius merlangus) fil-qabda)</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td colspan="2">Merluzz (gadus morhua)</td><td colspan="2">Bakkaljaw</td><td colspan="2">Merluzz (pollachius virens)</td><td colspan="2">Merlangu</td></tr>
<tr><td>Total</td><td></td><td>Total</td><td></td><td>Total</td><td></td><td>Total</td><td></td></tr>
<tr><td>Ħut li jkun għadu qed jikber</td><td></td><td>Ħut li jkun għadu qed jikber</td><td></td><td>Ħut li jkun għadu qed jikber</td><td></td><td>Ħut li jkun għadu qed jikber</td><td></td></tr>
<tr><td>%</td><td></td><td>%</td><td></td><td>%</td><td></td><td>%</td><td></td></tr>
<tr><td colspan="4">Total tal-erba' speċijiet</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td colspan="4">Total tal-ħut li jkun għadu qed jikber tal-erba' speċijiet</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td colspan="4">L-erba' speċijiet kollha %</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>Osservazzjonijiet u informazzjoni addizzjonali</td><td colspan="7">Osservazzjonijiet magħmulin mill-ispettur/osservatur waqt l-ispezzjoni inkluż l-użu mhux mandatorju ta' rkaptu selettiv. Informazzjoni addizzjonali minn sorsi oħrajn, pereżempju li ġejja mill-kaptan. Jekk relevanti, parir fir-rigward tad-delimitazzjoni taż-żona magħluqa (min. 4, mass 6 punti li jgħaqqdu).</td></tr>
<tr><td>Spettur/
Firma</td><td colspan="7">Mhux meħtieġ jekk mimli b'mod elettroniku u trasmess lill-Istat Kostali bil-posta elettronika.</td></tr>
</table>

(1) jj/xx/ss ss mm (hin lokali 24 siegha).
(2) perezempju 56'24' N 001'30' E.
(3) ss mm.'

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(6) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009 u l-Artikolu 1(7) għandu japplika mill-1 ta' Frar 2009 u l-Artikolu 1(8)(a), (b), (f) u (g) mill-1 ta' Settembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-27 ta' Lulju 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
C. BILDT